

## Bieb San Ġwann - Dr Nicholas Vassallo

Għal mijiet ta' snin, Bieb San Ġwann kien waħda mill-wesgħat fost l-aktar importanti għall-ġrajja tar-raħal tagħna. Hemm, nistgħu ngħidu, mal-medda taż-żmien issawret parti ġmielha mill-ħajja tas-Siġġiwin, bħal m'għadu jiġri sal-lum. Rari jkun hemm purċissjoni, marċ jew funzjoni - tkun xi tkun - li Bieb San Ġwann ma jkunx imdeffes. Bix-xieraq hux, għax Bieb San Ġwann sal-lum għadu l-ogħla ponta tar-raħal. Fl-imgħoddi meta wieħed, minn hemm fuq, kien idawwar ħarstu 'in-naħa t'isfel jew lejn in-naħat tal-Imdina u 'l fuq, lejn in-Naxxar, seta' jilmaħ firxa ta' raba fl-inħawi tas-Siġġiewi wisq aktar wiesa' mil-lum.

Imma Bieb San Ġwann kien u għadu meqjus wieħed mill-postijiet ewlenin tas-Siġġiewi mhux biss għax qabel kien imdawwar b'raba għammiel u ġonna sbieħ iżda wkoll għax hemmhekk sa minn żmien il-medjuevu kienu jiltaqgħu is-suldati tad-Dejma jgħassu wkoll matul il-lejl. Għalhekk sa mill-ewwel darba li jissemma' l-isem tas-Siġġiewi fl-1419 fil-lista tal-milizja tal-Maltin, din il-wesgħa żgur kellha sehem importanti fl-istorja tar-raħal tagħna. Biex il-Maltin jistgħu jiddefendu lil pajjiżna mill-għedewwa u l-ħallelin tal-baħar, aktarx lejn tmiem is-seklu 13, twaqqaf eżerċtu – imsejjaħ id-Dejma - iffurmat minn irġiel Maltin li ma kinux joqogħdu l-Birgu jew Għawdex. Kull raġel bejn is-16 u l-65 sena kien obbligat jidħol fid-Dejma għal sena[1]. Kienet tapplika għal kulħadd minbarra l-qassisin. Nhar ta' Ħadd, imbagħad, kellhom id-dmir jieħdu sehem fit-taħriġ li jsirilhom; min jonqos li jattendi, jeħel multa. Kienet maqsuma f'żewġ korpi jew tipi ta' servizz: (i) in-**Nafra**: rġiel inkarigati, f'każ ta' allarm, mill-għassa u d-difiża tax-xtajtiet u (ii) il-**Maħres**: stakkament ta' suldati tad-dejma stazzjonati, għal li jinqala' matul il-lejl, f'bini b'ħitan sodi bħal xi kappella jew xi razzett imdaqqas.

Is-Siġġiewi, tad-dejma kienu jiltaqgħu fl-Armerija – in-naħa ta' San Mark u Bieb San Ġwann. Hawn, aktarx fejn jinsab dak is-salib fuq iċ-ċint ta' dar fil-kantuniera fejn din il-wesgħa tmiss ma' Triq San Ġwann, fl-1575 kien hemm tliet kappelli żgħar: waħda ddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, tmiss magħha oħra ddedikata lit-Twelid ta' San Ġwann Battista w oħra, ftit passi 'l bogħod, li kienet għadha qed tinbena imma qisha abbandunata. Għal xi żmien, fil-bidu, tad-dejma kienu jiltaqgħu fil-

1 PP. Castagna vol II p.119-120.

*ikompli f'paġna 56*

kappella ta' San Ġwann. Insibu miktub li fl-1419, mis-Siġġiewi u rħula żgħar dipendenti minnu, kienu msejħa għad-dejma madwar 150 ruħ[2]. Dawn kellhom id-dmir iġorru magħhom lanez, xwabel u sjuf kemm għal waqt in-nafra kif ukoll fil-maħres. Wara, minħabba ħsarat li ġarrbet il-kappella tal-Battista, l-istakkament ta' Bieb San Ġwann kien jiltaqa' fil-kappella ta' Santa Marija iżda meta fit-2 ta' Frar 1575 il-Viżitatur Appostoliku Pietru Duzina żar is-Siġġiewi, in-nies talbuh ma jħallix aktar lil tad-dejma jiltaqgħu hemm. Wieħed irid iżomm ġo moħħu li, kemm iż-żewġ kappelli kif ukoll il-bini l-ieħor li kien għadu mhux mitmum, kienu fi stat ta' telqa: bla bibien, l-art mhix iċċangata u neqsin mill-ħtiġijiet kollha. L-anqas prokuratur biex jieħu ħsiebhom! Ma kienx ilu wisq li għadda l-Assedju l-Kbir u flus biex isiru t-tiswijiet meħtieġa ma kienx hemm. Mal-lejl, f'dawk id-dlamijiet, is-suldati kienu jagħmlu setta sħiħa. Għalhekk Duzina qatagħha li



***Il-post fejn kienet il-kappella ta' San Ġwann***

2 G. Wettinger: *The Militia List of 1419-20.* Melita Historica vol 5, n° 2. 1969

iż-żewġ kappelli jsirulhom il-bibien u t-tiswijiet kollha meħtieġa. Ordna li jinżammu magħluqin għajr waqt xi funzjonijiet. Ġiegħel ukoll lil tad-Dejma ma jiltaqgħux aktar f'ebda kappella la ta' San Ġwann, w'anqas f'ta' Santa Marija biex b'hekk jinqata' kull abbuż. Għalhekk qabbad lill-kaptan tal-armi jlesti mill-aktar fis il-binja abbandunata ta' biswithom biex tingħata lil tad-dejma.

Kien hemm drabi meta tad-dejma ta' Bieb San Ġwann kienu mdaħħlin f'xi brikkunata minn tagħhom. Madwar mitt sena qabel, fl-1473, Kola Caxaru flimkien ma' tnejn tal-qatgħa tiegħu mal-lejl telqulha mill-Imdina għas-Siġġiewi bil-għan li jieħdu tbaħrita ma' Katerin ta' Triq San Ġakbu. Caxaru kien wieħed min-nies l-aktar miġjuba fi ggżirietna, bniedem midħla tal-Kunsill tal-Università jew aħjar tat-tmexxija ta' Malta. Aktarx ma kienx jaf li Katerin kienet għadha kemm iżżewġet. Hekk kif fil-ħemda tal-lejl Caxaru għajjat lil Katerin qam għagħa kbir u niesha flimkien ma' xi ġirien għamlu għal Caxaru, ġrew warajh u ħaġġruh ġo wieħed mill-għerien f'Wied il-Ħesri. Għaxra minn tad-dejma, ftit wara li nqala' l-għawġ, flok baqgħu jgħassu ħallew il-lanez, ix-xwabel u l-armi warajhom u rħewlha lejn il-Ħesri. Ftit li xejn ħabblu rashom miż-żamma tal-ordni anzi kien hemm minnhom li tefa' xi ġebla wkoll! Ġrajja kerha li ħalliet konsegwenzi koroh[3].

3 G. Wettinger: *Honour and Shame ...* Melita Historica vol.VIII-70/77

Xi għoxrin sena wara l-Assedju l-Kbir, in-nies ta' Bieb San Ġwann ħadu ħsieb il-kappella ta' Santa Marija, għammruha b'pittura ċkejkna għal fuq l-artal u lampier; matul is-sena beda jsir ukoll il-quddies fil-festi ewlenin tal-Madonna. Lejn l-1630 in-nies tal-qrib bajduha u żejnuha b'xi disinni kkuluriti mazzokklatura. Sarulha wkoll bankijiet tal-ġebel b'mod li n-nies tal-lokal jkunu moqdija aħjar u mingħajr il-ħtieġa li jimxuha sal-parroċċa – tlitt kwarti ta' kilometru 'l bogħod. Id-difiża tar-Raħal imbagħad saret responsabbiltà tal-logutenent residenti fl-armerija, ħdejn San Mark. B'hekk ma kienx hemm aktar ħtieġa għal tad-dejma jiltaqgħu Bieb San Ġwann. Mill-viżta tal-isqfijiet Molina u Coccopalmieri, bejn l-1679 u l-1700,



*L-istatwa tal-Arkanġlu Rafel*

jirriżulta li din il-kappella kienet fi stat tajjeb ħafna minkejja l-qedem u ċ-ċokon tagħha: kienet baxxa b'tieqa żgħira fuq il-bieb u kellha biss tlitt arkati. Mid-dħul tal-legati tagħha kien jitqassam ukoll l-ikel lil xi foqra tar-raħal. Iżda mbagħad il-ħitan bdew jitmermru u s-saqaf beda jħoss. Għalhekk fl-1736 kienet ipprofanata u l-isqof ordna li titwaqqa'.

Sadattant il-kappella ta' biswitha, tat-Twelid ta' San Ġwann, kien ilha qrib il-mitt sena li twaqqgħet minħabba li s-saqaf beda jagħmel l-ilma u fi ftit snin il-ħitan rabbew bosta konsenturi. Minħabba f'hekk, biex jinqata' kull abbuż, l-isqof ordna li tiġġarraf. L-art ingħatat lill-privat u flok iż-żewġ kappelli tela' bini ieħor. Djar għall-poplu, ngħidu llum! B'hekk dik il-wesgħa bidlet id-dehra medjevali tagħha.

Madankollu Bieb San Ġwann u dawk l-inħawi minn dejjem kienu meqjusin mgħammra minn nies tat-tajjeb bħalma jixhdu d-djar u l-bini ta' dawk in-naħiet. Biżżejjed wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn in-niċċa tal-Arkanġlu Rafel, id-dar tal-majjistra faċċata tagħha jew bini ieħor fejn kienu joqogħdu professjonisti u nies tas-snajja'. Erba' passi 'l bogħod insibu d-dar tal-arċipriet mibnija fuq art imħollija apposta mil-familja Dingli, waħda mill-aqwa li kellna fis-Siġġiewi – kienu imħallta ma' ta' Falzon tal-Imdina. Fuq il-ġenb l-ieħor fi triq San Ġwann għandna il-palazz ta' Nikola Saura, wieħed mit-tobba l-aktar magħrufin ta' żmienu, mill-Imdina wkoll. Wieħed jinnota wkoll xi djar qodma bir-remissa

*ikompli f'paġna 59*

aktarx ta' bdiewa li fl-imgħoddi kienu jservu ta' mħażen għall-uċuh tar-raba kif ukoll xi stalel għall-bhejjem tax-xedd. Mal-medda taż-żmien Bieb San Ġwann ra bidla kbira. Lejn il-bidu tas-Seklu Għoxrin, proprju fuq il-ġibjun f'nofs dil-pjazzetta twaħħlet pompa tal-idejn mnejn, għal bosta snin, il-popolazzjoni tal-qrib setgħet timla l-ilma għall-bżonnijiet tad-dar. Biex mal-lejl ma tintużax, il-pulizija kienu jorbtu l-manilja tal-pompa bil-katina u katnazz[4]. Għal xi żmien fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra, matul il-jum impjegat apposta kien inkarigat mill-muftieħ tal-pompa biex ma jkunx hemm ħela ta' ilma bla bżonn u mhux l-ewwel darba li qam xi argument bejn in-nisa jistennew li jimlew mill-pompa. Fil-Ħamsinijiet kien hemm il-ħsieb li minn Sqaq il-Mitħna l-Qadima tinfetaħ triq għan-naħa tal-iskola, iżda baqa' ma sar xejn! Peress li mbagħad fis-snin Sittin – grazzi għall-ilma tal-vit - id-djar kollha setgħu jinqdew aħjar, il-pompa tneħħiet ukoll. Minflokha, ftit wara, tħawlet siġra taż-żebbuġ u mad-dawra twaħħlu xi bankijiet għall-kumdità tar-residenti.

Sadattant meta dehru l-ewwel inġenji tas-sewqan, it-trakkijiet u l-karozzi tal-linja ħadu post iż-żwiemel u l-karozzini. Ftit ftit il-bhejjem inqatgħu għal kollox, bdejna naraw karozzi pparkjati fil-ġnub ta' dil-wesgħa u fit-toroq tal-qrib. F'dawn l-aħħar snin, nistgħu ngħidu, naqsu wkoll in-nies għaddejjin minn dawk in-naħat; illum ftit li xejn tara 'l min iwassal l-uliedu l-iskola bil-mixi. Il-ħajja mgħaġġla ta' żmienna ġabet magħha bidliet kemxejn differenti minn dawk ta' dari iżda Bieb San Ġwann qajla naqqas mill-importanza tiegħu.

4 C. Vella: *Città Ferdinand* - 110

## Bolol Użati

**Min ikollu bolol użati ma jarmihomx, jista' jġibhom lis-Segretarju tal-Għaqda Joseph Borg sabiex dawn nagħtuhom lill-għaqdiet li jaħdmu għall-missjonijiet. Importanti wkoll li meta taqtgħu l-bolol minn mal-envelops aqtgħu ftit akbar mill-bolla sabiex din tkun tista' tinqala' minn mal-karta. Kull sena dan l-appell taqrawh u lqajtu t-talba tagħna u ġejtu bil-bolol matul is-sena kollha.**